MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tad-19 ta' April, 2012

Rikors Numru. 67/2010

**Alfred Degiorgio, Jason Calleja, Darren Debono u George Degiorgio**
**vs**
**vs**

**Avukat Generali u Kummisarju tal-Pulizija**

Il-Qorti

Rat ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrenti Alfred Degiorgio, Jason Calleja, Darren Debono u George Degiorgio fejn gie premess:-

Illi r-rikorrenti gew imsejjha permezz ta’ tahrika sabiex jidhru quddiem il-Magistrat fl-atti tal-inkjesta rigward “hold up” li sehh fuq cash van tal-kumpanija City Security li sehh gewwa Triq il-Mithna, Qormi nhar it-23 ta’ Awissu 2006 u dan permezz ta’ tahrika li kienet tindika biss li huma kienu qedghin jigu msejjha fl-imsemmija inkjesta “ghat-tehid tad-DNA.”.

Illi huma dehru fit-23 ta’ Settembru 2010 quddiem il-Magistrat li qed imexxi l-inkjesta fejn kienu prezenti ukoll xi ufficjali tal-Pulizija.

Illi matul din is-seduta ma sarulhom l-ebda domandi hlief li intlabu jissottemettu ruhhom ghal testijiet tad-DNA billi jittiehdilhom “saliva swab.”

Illi huma ma tawx il-kunsens taghhom ghal tali test u knsegwentament il-magistrat inkwirenti ordna l-arrest taghhom fl-istess seduta sabiex jittiehdulhom it-testijiet.

Illi pero’ f’dik is-seduta l-arrest ordnat ma giex ezegwiet u ma ttiehdilhom l-ebda swab.

Illi sussegwentement f’data ohra, filwaqt li uhud gew migbura mill-pulizija, arrestati u ittiehdu il-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn gew interrogati, uhud ohrajn mir-rikorrent ma kienux ghadhom gew arrestati u interrogati qabel ma saret it-tieni seduta quddiem il-Magistrat ta’ l-inkjesta.
Illi dawk mir-rikorrenti li kienu gew arrestati qabel is-seduta tal-14 ta’ Ottubru 2010 ittiehdu mill-Kwartieri Generali quddiem il-Magistrat inkwirenti fejn kellha tigi ezegwita l-awtorizzazzjoni tal-magistrat inkwirenti sabiex jittiehdulhom is-iswabs u dan minghajr il-kunsens taghhom, filwaqt li ohrajn mir-rikorrenti gew arrestati biss hin qasir qabel is-seduta.

Illi ghas-seduta ta’ l-14 ta’ Ottubru 2010 ir-rikorrenti regghu ittiehdu quddiem il-Magistrat sabiex jittiehdulhom tali swabs fis-sigrieta tal-Magistrat minn espert, b’dan illi filwaqt li Jason Calleja kien arrestat mill-gurnata ta’ qabel u ttiehed quddiem il-Mgistrat b’arrest, Alfred Degiorgio

inzerta kien il-Qorti ghal xi procedura ohra u gie arrestat hemmhekk u ittiehed quddiem il-Magistrat.

Illi r-rikorrenti oggezzjonaw ghal tali agir kif awtorizzat u gew rilaxxati.

Illi huma regghu ircevew tahrika sabiex jidhru fl-inkjesta fuq indikata u dan ghal nhar il-hamis 11 ta’ Novembru 2010.

Illi fil-konfront taghhom hemm awtorizazzjoni moghtija mill-Magistrat inkwirenti sabiex, minkejja n-nuqqas ta’ kunsens tar-rikorrenti, l-espert xorta wahda jihdilhom tali swabs.

Illi r-rikorrenti jafu biss li huma qeghdin jigu msejha jippartecipaw f’tali inkjesta izda qatt ma gew infurmati li hemm xi suspett ragonevoli fil-konfront taghhom li huma kienu partecipi fir-reat investigat.

Illi fil-konfront tar-rikorrenti qatt ma nhareg att ta’ akkuza u qabel l-ordni ta’ arrest li saret mill-Magistrat inkwirenti qatt ma kienu arrestati in konnessjoni mar-reat investigat.

Illi tali ordni ta’ arrest inharget mill-magistrat inkwirenti bhala konsegwenza tan-nuqqas ta’ kunsens da parti tar-rikorrenti ghat-tehid ta’ l-imsemmija testijiet u sabiex dawn it-testijiet ikunu jistghu isiru bil-forza.

Illi t-tehid ta’ swabs sabiex isiru testijiet ta’ DNA kontra l-volonta tar-rikorrenti tmur kontra d-drittijiet fundamentali taghhom kif protetti kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropea billi tali tehid jolqot il-prezunzjoni ta’ l-innocenza, id-dritt li persuna ma tigix pretiza li tinkrimina lilha nnifisha, li persuna tkun sottomessa ghal arrest biss ghab-bazi ta’ suspett ragonevoli, li jkun rispettat id-dinjita’ tal-persuna u ma tigix sottomessa ghal trattament degradanti, u li jigi rispettat id-dritt ghal privatezza tal-persuna.

Illi ghalhekk is-sottomissjoni tar-rikorrenti ghal tali testijiet fil-pendenza ta' inkjesta meta r-rikorrenti ma kienux infurmati li hemm suspett ragonevoli fil-konfront taghhom u ma inghatax lilhom l-informazzjoni mehtiega sabiex turi li fil-konfront taghhom hemm tali suspett jammonta ghal vjolazzjoni ta l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta billi jammonta ghal arrest arbitrjaru u li ma huwiex gustifikat b'ebda wahda mill-limiti ghal dan id-dritt kif inkluzi fl-istess artikoli.

Illi in oltre it-tehid ta' tali testijiet kontra l-volonta tar-rikorrenti iggieghel lir-rikorrenti jaghtu xhieda u informazzjoni kontra r-rieda taghhom u b'hekk igghielhom jaghtu informazzjoni li tista' twassal ghall-inkriminazzjoni taghhom stess li tmur kontra mhux biss id-dritt li wiehed ma jinkriminax lilu nnifsu u d-dritt tas-silenzju izda hija ukoll marbuta mal-principju tal-prezunzjoni ta' l-innocenza u dan kontra l-artikolu 34 tal-Konstituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta billi f'investigazzjoni dwar reat huma qeghdin jigu mgaghla jiffornixxu informazzjoni li tista' twassal ghall-inkriminazzjoni taghhom stess kontra l-principju tad-dritt tas-silenzju u in oltre ukoll kontra l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 ta' Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta billi tali informazzjoni tippregudika l-prezunzjoni ta' l-innocenza f'kaz li huma jigu akkuzati bir-reat investigat.

Illi in oltre c-cirkostanzi f'liema huwa pretiz li jittiehdu tali testijiet jammontaw ghal vjolazzjoni tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'kapitolu 319 tal-ligijiet ta' Malta l-Att u dan mhux biss mic-cirkostanzi u x-xenarju f'iema tali testijiet gew awtorizzati li jittiehdu, izda wkoll meta mehud in konsiderazzjoni l-isfond ta' l-esperjenzi li diga ghaddew minnhom r-rikorrenti ma' ufficjali tal-korp tal-Pulizija.

Illi in oltre it-tehid ta’ tali testijiet iwassal ghal informazzjoni privata appartenenti lir-rikorrenti u t-tehid ta’ tali informazzjoni privata bil-forza tammonta ghal vjolazzjoni ta’ l-artikolu 8 tal-Konvezjoni Ewropea kif inkorporata f’Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet ir-rikorrenti qed jitolbu (1) li jigi dikjarat li ghab-bazi tal-fatti kif fuq pretiz u kif jigu ppruvati fil-mori tal-proceduri sehhet vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, jew ta’ uhud mir-rikorrenti, kif protetti fl-artikoli 36, 34 u 39 tal-Kostituzzjoni u ta’ l-artikoli 5, 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f’Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta, u (2) li jigiordnat li l-awtorizazzjoni moghtija mill-Magistrat Inkwirenti ghat-tehid ta’ testijiet ghal skop ta’ DNA testing ma ghandiex tigi esegwita, (3) li jigi likwidat kumpens ghal tali vjolazzjoni u (4) li jinghataw dawk ir-rimedji xierqa u adegwati kif jidhrilha l- Qorti.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimati fejn gie sottomess:-

Illi preliminarjament, jinghad li din il-kawza kostituzzjonali qed izzomm inkjesta magisterjali milli timxi bil-mod espedit kif tirrikjedi l-ligi, u ghalhekk l-esponenti jitolbu li dan il-kaz ikun trattat u deciz b’urgenza.

Illi rigward il-fatti tal-kaz, fuq talba tal-ispettur investigattiv, nhar it-23 ta’ Settembru tas-sena 2010, il-Magistrat Inkwerenti harrek lil persuni hawn fuq citati ai fini tal-investigazzjoni in genere. Waqt is-seduta, l-Magistrat Inkwerenti ordna ai termini tal-artikolu 397 tal-Kap. 9 rez applikabbli permezz tal-artikolu 554 tal-istess Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta lil persuni hawn fuq imsemmija sabiex jaghtu ‘saliva swabs’ u cioe’ kampjuni mhux intimi, ai fini t’investigazzjoni in genere, liema ordni ta’ l-imsemmija persuni naqsu milli jaderixxu maghha.

Illi nhar l-14 t'Ottubru tas-sena 2010, nhareg mandat ghall-arrest mill-Magistrat Inkwirenti kontra l-imsemmija persuni ai fini t'investigazzjoni mill-Pulizija, li kienet ghaddejja parallela mal-inkjesta, u wara li dawn gew interrogati, ghal darba ohra dawn irrifjutaw illi jaghtu dawn is-saliva swabs lill-ufficjal investigattiv. Ghaldaqstant l-istess ufficjal investigattiv talab lill-Magistrat sabiex jawtorizza t-tehid ta' tali kampjuni ai termini tal-artikolu 355AV tal-Kap. 9, madanakollu ghal darba ohra minkejja l-awtorizzazzjoni tal-Magistrat, ir-rikorrenti naqsu milli jaderixxu mal-ordni tal-Magistrat u naqsu milli jaghtu dawk il-kampjuni mhux intimi mehtiega ai fini t'investigazzjoni tal-in genere.

Illi r-rikorrenti regghu kienu mharrka sabiex jidhru quddiem il-Magistrat Inkwerenti nhar il-11 ta' Novembru tas-sena 2010, stante illi jidher li l-Magistrat Inkwerenti awtorizza t-tehid tal-kampjuni mhux intimi necessarji u cioe' fil-kaz de quo saliva swabs, u dana minkejja n-nuqqas ta' kunsens tar-rikorrenti.

Illi jrid jinghad ukoll li f'dan il-kaz, ir-rikorrenti dejjem kienu arrestati b'mandat t'arrest mahrug mill-Magistrat kif tikkontempla l-ligi relevanti, u ghalhekk fl-agir taghhom il-Pulizija dejjem agixxew skont l-ordnijiet tal-Magistrat u skont il-ligi.

Illi ghal kull buon fini qieghed jigi rilevat illi s-saliva swabs huma kkunsidrati bhala kampjuni mhux intimi u dana ai termini tal-artikolu 350 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant it-tehid ta' dan it-tip ta' kampjuni fuq awtorizzazzjoni ta' Magistrat, il-Kodici Kriminali ma jitlobx il-kunsens ghat-tehid tal-istess kampjuni minghand min ikunu qeghdin jintalbu (kuntrarjament ghal kif inhu l-kaz ghal kampjuni intimi). Ai termini tal-artikolu 355BA, f'kaz li kampjun mhux intimu jintalab mill-Pulizija u mhux minn Magistrat, ikun hemm bzonn il-kunsens tal-persuna koncernata. Il-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'artikolu 355AV, jipprovdi illi fic-cirkustanzi hawn fuq imsemmija, jekk il-persuna koncernata ma taghtix il-kunsens taghha, l-ufficjal investigattiv jista' personalment jitlob lill-Magistrat

jawtorizza t-tehid ta’ tali kampjuni, minghajr ma jirrikjedi l-kunsens tal-persuni koncernati.

Illi kif jidher car mid-disposizzjonijiet tal-Ligi hawn fuq imsemmija, la darba l-Magistrat jawtorizza t-tehid ta’ kampjun mhux intimi, ma jkunx hemm bzonn tal-kunsens tal-persuna minghand min tali kampjuni huma mehtiega. In oltre ghal kull buon fini jigi ddikjarat illi l-artikolu 366 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, jipprovdi li l-esekuzzjoni tas-sentenzi u ta’ l-ordinijiet tal-Qorti tal-Magistrati... hija dmir tal-Pulizija Ezekuttiva u l-artikolu 96 tal-Att dwar il-Pulizija jipprovdi illi l-ufficjali tal-pulizija jistghu juzaw dik il-forza moderata u proporzjonata li tista’ tkun mehtiega sabiex tigi zgurata l-osservanza tal-Ligijiet.

Illi jrid jinghad ukoll li m’hemm ebda obbligu legali li r-rikorrenti jigu nfurmati dwar x’inhu dak is-suspett ragonevoli li minhabba fih qeghdin jissejhu biex jixhdu jew biex jittiehdu l-imsemmija kampjuni waqt l-inkjesta. Dan l-obbligu jezisti biss sabiex il-Pulizija jiggustifikaw it-talba taghhom ghall-hrug ta’ mandat t’arrest lill-Magistrat.

Illi rigward l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti dwar ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, l-esponenti jissottomettu li m’hemm ebda ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti u dan kif inhu spjegat iktar ‘l isfel.

Illi in kwantu r-rikorrenti jallegaw ksur tad-dritt ta’ smiegh xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni, l-esponenti jghidu li m’hemm l-ebda ksur ma’ dan id-dritt peress li la l-artiklu 6 u lanqas l-artiklu 39 m’huma applikabbli ghall-procedura ta’ inkjesta, u r-rikors tar-rikorrenti jitkellem biss fuq proceduri t’inkjesta. Dan peress li sa l-istadju ta’ inkjesta, hadd ma jkun akkuzat b’reat kriminali. Id-drittijiet kollha protetti fl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni fil-kamp kriminali ghandhom il-premessa li persuna trid tkun akkuzata b’reat kriminali biex dawn japplikaw.

F’dan ir-rigward l-esponent jaghmel referenza ghas-sentenza finali fl-ismijiet Karl Heinrich Muscat vs Avukat Generali. (Prim Awla sede Kostituzzjonali 17.1.2002) ukoll il-procedura ta’ inkjesta lanqas mhi determinattiva ta’ xi akkuza kriminali.

Illi rigward l-allegazzjoni tar-rikorrenti li huma kienu mizmuma arbitrarjament bi ksur tal-artiklu 34 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 5 tal-Konvenzjoni, l-esponenti jissottomettu li m’hemm l-ebda ksur ta’ dawn id-drittijiet stante li c-cirkustanzi tal-kaz jinkwadraw ruhhom fl-eccezzjonijiet ta’ dawn id-drittijiet u cioe’ fis-subartikli (d), (e) u (f) tal-artiklu 34, u fis-subartikli (b) u (c) tal-artiklu 5.

Illi rigward l-allegazzjoni li r-rikorrenti kienu trattati b’mod inuman u degradanti bi ksur tal-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 3 tal-Konvenzjoni, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti qed jaghtu interpretazzjoni farseska lil dawn id-drittijiet fundamentali, intenzjonati li jipprotegu lill-bniedem f’cirkustanzi ferm u ferm serji, tenut kont ukoll li r-rikorrenti huma lkoll midhla sew tas-sistema gudizzjarja f’sede kriminali.

Illi rigward l-allegazzjoni tar-rikorrenti li sofrew ksur tad-dritt tal-hajja privata taghhom, l-esponenti jissottomettu li c-cirkostanzi ta’ dan il-kaz ma jinkwadrawx fl-ambitu ta’ dan id-dritt peress li l-ebda awtorita’ ma ndahlitilhom fil-hajja privata taghhom. F’kull kaz imma, l-arrest taghhom sehh biex ikunu mharsa s-sigurta’ pubblika u biex ikun evitat ghemil ta’ delitti.

Illi l-esponenti jissottomettu wkoll li r-rikorrenti m’humiex qed jattakkaw il-ligi li a bazi taghha l-Magistrat li kien qed imexxi l-inkjesta agixxa. Ghalhekk issa ma jistghux jilmentaw li l-agir tal-Magistrat, li hu skont il-ligi, jiksrilhom id-drittijiet fundamentali taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-intimati talbu li t-talbiet tar-rikorrenti jigu michuda bl-ispejjez kontrihom.

Semghat ix-xhieda prodotti mir-rikorrenti.

Rat l-affidavits tar-rikorrenti Alfred Degiorgio u Jason Calleja.

Rat l-affidavits tas-Supretendent Silvio Valletta u tal-Ispettur Anthony Portelli presentati mill-intimati.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Jannar 2011 minn fejn jirrizulta li l-partijiet ddikjaraw li jaqqblu li swab mill-halq, ghall-ligi kriminali, mhux swab li tittiehed minn parti intima.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva tal-intimati.

Rat in-nota ta sottomissjonijiet ulterjuri tar-rikorrenti.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ulterjuri tal-intimati.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

L-erba (4) rikorrenti Alfred Degiorgio, Jason Calleja, Darren Debono u George Degiorgio, fir-rikors promotur, jaghmlu referenza ghall-atti tal-Inkjesta Magisterjali dwar “hold-up” fuq van tac-“City Security” liema “hold-up” sehh fi Triq il-Mithna, Qormi u f’liema inkjesta l-istess rikorrenti gew imharrka biex jidhru quddiem il-Magistrat Inkwerenti biex jittiehdilhom “saliva swab” bil-fini li jigi stabbilit id-DNA ta’ kull wiehed mir-rikorrenti. Ir-rikorrenti jkomplu jippremettu li huma rrifjutaw li jittiehdilhom dan il-kampjun u kwindi l-Magistrat Inkwerenti ordna l-arrest taghhom. Ir-rikorrenti jikkonfermaw li huma gew imharrkin diversi drabi ohra biex jidhru fl-imsemmija inkjesta pero’ huma komplew jirrifjutaw li jittiehdu l-imsemmijin kampjuni. Ir-rikorrenti jissottomettu li fil-konfront taghhom kien hemm biss l- awtorizazzjoni tal-Magistrat Inkwirenti sabiex l-espert nominat jihdilhom is-“swabs” u dan nonostante li huma ma kienux taw il-kunsens taghhom.

Inoltre r-rikorrenti jissotomettu li huma qatt ma gew infurmati li kien hemm xi suspett fil-konfront taghhom in relazzjoni mar-reat li kien qed jigi nvestigat u lanqas qatt ma nhareg xi att ta' akkuza u qatt ma kienu gew arrestati in konnessjoni mar-reat investigat. Ir-rikorrenti jissottomettu ukoll li l-Magistrat Inkwerenti ordna li jittiehdu l-kampjuni in kwestjoni anke bl-uzu tal-forza da parti tal-Pulizija.

Skond ir-rikorrenti dan kollu jmur kontra d-drittijiet fundamentali taghhom kif snciti kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropea. L-imsemmi tehid tal-kampjuni, skond ir-rikorrenti, jmur kontra l-prezunzjoni tal-innocenza, kontra d-dritt li persuna ma tigix pretiza li tinkrimina ruhha, kontra li persuna tkun sottomessa ghal arrest biss ghab-bazi ta' suspett ragonevoli, kontra li tigi rispettata d-dinjita' tal-persuna u kontra li l-persuna ma tigix sottomessa ghal trattament degradanti u li jigi rispettat id-dritt ghal privatezza tal-persuna. Kwindi r-rikorrenti qed isostnu li sehhet vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom, kif protetti fl-artikoli 36, 34 u 39 tal-Kostituzzjoni u fl-artikoli 5, 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ghal dawn ir-ragunijiet ir-rikorrenti, fir-rkors promotur taghhom, qed jitolbu li jigi ordnat li l-awtorizazzjoni tal-Magistrat Inkwirenti ghat-tehid ta' testijiet ghal skop ta' DNA testing m'ghandiex tigi esegwita. Ir-rikorrenti qed jitolbu ukoll li jigi likwidat kumpens ghal tali vjolazzjoni u li jinghataw ir-rimedji kollha xierqa u adegwati.

L-intimati jirrispondu li l-ordnijiet kollha tal-Magistrat Inkwerenti kienu legittimi b'mod partikolari peress li "saliva swabs" huma konsidrati, mill-ligi stess, li mhumiex "intimi." Ma dan il-fatt jaqblu ukoll ir-rikorrenti kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-20 ta' Jannar 2011. Inoltre, skond l-intimati, l-Magistrat ordna l-arrest tar-rikorrenti peress li huma kienu qed jirrifjutaw li joqodu ghall-ordni tal-Magistrat u cioe' li jittiehdu l-kampjuni mhux "intimi" minn fuq il-persuna traghhom. L-intimati jissottomettu li l-ordnijiet tal-Magistrat inghataw ghall-fini tal-

investigazzjonijiet tal-Pulizija li kienu qed jitmexxew b'mod parallelu mal-inkjesta tal-Magistrat.

L-intimati jissottomettu li skond il-Kodici Kriminali peress li s-"swabs" in kwestjoni huma konsidrati "mhux intimi" m'hemmx bzonn tal-kunsens tar-rikorrenti biex jittiehdu s-"swabs" in kwestjoni. L-intimati jissottomettuu ukolll li skond l-artikolu 366 tal-imsemmi Kodici Kriminali l-esekuzzjoni tal-ordinijiet tal-Qorti tal-Magistrati tispetta lill-Pulizija Ezekuttiva u inoltre skond l-artikolu 96 tal-Att dwar il-Pulizija l-ufficjali tal-Pulizija jistghu juzaw dik il-forza moderata u proporzjonata li tista' tkun mehtiega sabiex tigi zgurata l-osservanza tal-Ligijiet. Hu indubbju li m'hemmx obbligu li s-suspettati, f'dan il-kaz ir-rikorrenti, jigu nfurmati f'xix jikkonsisti s-suspett ragonevoli li wassal sabiex huma ssejhu biex fl-inkjesta in kwestjoni jittiehdulhom l-kampjuni.

Strranament l-intimiati jissottomettu li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni mhux applikabbli ghall-procedura ta' inkjesta, stante li fl-inkjesta m'hemmx min ikun akkuzat b'reat kriminali u inoltre d-drittijiet protetti bl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni japplikaw ghall-persuna li tkun akkuzata b'reat kriminali. L-intimati donnhom li jinsew li gie diversi drabi deciz li d-drittijiiet li huma applikabbli ghal min hu akkuzat b'reat jhuma applikabbli ukoll ghall-proceduri li jwasslu ghal meta xi hadd eventwlment jigi arrestat u akkuzat formalment b'reat. Inoltre jista jkun li l-ligi tisssanzjona li l-Pulizija jista juzaw dik il-forza minima sabiex jitwettqu l-ordnijiet tal-istess Magistrat. Meta tinghata ordni bhal din minn Magistrat Inkwewerenti tali ordni trid tinghata bl-ikbar kawtela b'mod partikolari preress l-inkjesta Magisterjali tkun qed titmexxa in parallel mal-investgazzjonijiet u jista jun hemm is-suspett, kif fil-fatt hemm f'dawn il-proceduri, li tali ordni tkun qed tinghata in vista biss tal-investigazzjoni tal-pulizija. Minhabba f'hekk meta l-Magistrat Inkwerenti jghati ordni bhalma ta f'dan il-kaz huwa ghandu jaghti

ukoll dawk l-ordnijijiet biex jigi assigugurat li l-Pulizijia ma tmurx oltre l-vjolenza li tista tkun strettament necessarja fic-cirkostanzi tal-kaz. Meta l-Magistrat Inkwerenti jaghti tali ordni huwa ghandu jiehu hsieb li jahtar xi hadd li jirrappresentah li jkollu s-setgha li jwaqqaf dak li jkun qed issir mill-Pulizija jekk din tkun marret oltre dik il-vjolenza necessarja. F’kazijiet bhal dawn il-Magistrat Inkwewrenti jkun qed jaghti ordni li tista tintuza vjolenza necessarja sabiex tittwettaq l-ordni tal-istess Magistrat. Ghal din il-Qorti ma taghmilx sens ordni li tista tintuza vjolenza hi x’inhi. Fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-forza u l-vjolenza ma ghandha tintuza iktar u iktar mill-Pulizija fuq ordni ta’ Magistrat. Il-ligi pero’ tidher li tippermetti li tintuza dik il-forza minima sabiex tittwettaq l-ordni tal-Magistrat. Hu necessarju, f’dawn il-kazijiet, fl-opinjoni ta’ din il-Qorti li jigi nominat xi hadd ta fiducja tal-Magistrat Inkwerenti sabiex ikun presenti meta jkunu ser jittiehdu s-“swabs” u li jkollu l-fakolta’ ukoll li jwaqqqaf il-proceduri jekk jara li dik il-forza minima li trid il-ligi ma tkunx qed tigi rispettata u b’hekk listess persuna ta fiducja nominata tkun tista tirrapporta lura lill-Magistrat li jkun jista jiehu l-pprovedimenti kollha necessarji.

**Fatti rilevanti ghall-presenti proceduri.**

F’dawn il-proceduri gew esibiti kopji ta xi atti tal-inkjesta in kwestjoni. In partikolari gew prodotti l-verbali ta’ tlett seduti li nzammu mill-Magistrat Inkwerenti. Uhud mill-fatti, li huma rilevanti ghall-finijiet tal-presenti sentenza, jirrizultaw propju minn dawn il-verbali. Min dawn id-dokumenti jirrizulta li s-seduta tat-23 ta’ Settembru 2010 giet mizmuma sabiex jittiehdu l-kampjuni in kwestjoni minn fuiq il-persuna tar-rikorrenti li in effett kienu suspettati li hadu sehem fir-reat investigat. Ghal din is-seduta kien hemm presenti zewg Spetturi tal-Pulizija, l-espert nominat mill-Magistrat biex jiehu l-kampjuni u kien hemm presenti ukoll ir-rikorrenti li gew desklritti bhala “xi nies li kienu suspettati li kkommettew ir-reat in kwestjoni.”

F’din is-seduta gie verbalizzat mill-Magistrat li s-suspettati kienu qed jirrifjutaw li jittiehdilhom il-kampjun in kwestjoni

u ghalhekk il-Magistrat Inkwirenti ordna li jittiehdu l-kampjuni u inolte nnomina espert tal-Qorti propju biex jeleva l-istess kampjuni u awtorizza lill-ufficjali tal-Pulizija juzaw il-forza necessarja sabiex jittiehdu l-istess kampjuni. Il-Magistrat Inkwerenti ordna ukoll l-arrest immedjat tas-suspettati, li pero' sussegwentement gew rilaxxati fuq ordni tal-istess Magistrat, li ordna ukoll is-sospensjoni tat-tehid tal-kampjuni u dan "peress li l-ufficjali tal-Pulizija kellhom bzonn l-assistenza ta' ufficjali ohra sabiex l-arrest ikun wiehed effettiv."

Is-seduta tal-14 ta' Ottubru 2010 ukoll giet mizmuma sabiex jittiehdu l-kampjuni in kwestjoni. F'din is-seduta deheru l-istess zewg spetturi, l-imsemmi espert nominat mill-Qorti kif ukoll is-suspettati ovvjament inkluzi r-rikorrenti. Gie registrat li l-persuni suspettati kienu qed ikomplu jirrifjutaw li jghatu l-kampjuni u konsegwentement il-Magistrat Inkwirenti awtorizza li fit-tehid tal-kampjuni l-ufficjali tal-Pulizija setghu juzaw il-forza necessarja. Inoltre l-Magistrat ordna l-arrest immedjat tar-rikorrenti.

Il-Magistrat Inkwirenti nnomina ukoll lit-tabib Dr Mario Scerri sabiex jassisti lill-espert tal-Qorti gia nominat sabiex jigu elevati l-kampjuni in kwestjoni. F'dan l-istadju gie verbalizzat li deheru d-difensuri ta' uhud mis-suspettati li rrilevaw li li l-ordnijiet li nghataw kienu lezivi tad-drittijiet kostituzzjonali tas-susspettati kif ukoll kienet hekk leziva l-forza li kienet semmai ser tintuza.

L-imsemmija difensuri ssottomettew inoltre li l-ligi tispecifika li tista' tintuza forza biex jittiehdu kampjuni meta jkun hemm suspett ragjonevoli li persuna detenuta ghandha mistohbi fuq il-persuna taghha xi droga. Kwindi, gie sottomess mill-istess difensuri li kemm l-arrest kif ukoll il-forza li eventwalment setghet intuzat huma illegali. Il-Magistrat Inkwirenti ddikjara li ha nota ta' dawn is-sottomissjonijiet, pero' huwa kkonferma li s-suspettati kellhom jibqghu jinzammu b'arrest u li setghet tintuza l-forza necessarja sabiex jigu elevati l-kampjuni. Ssussegwentement, pero', l-Magistrat ordna s-sospensjoni tat-tehid tal-kampjuni u ordna ukoll ir-rilaxx tas-suspettati.

Is-seduta tal-11 ta' Novembru, 2010 ukoll inzammet biex jittiehdu l-kampjuni in kwestjoni u fl-istess seduta deheru l-istess zewg spetturi, l-esperti tal-Qorti u r-rikorrenti. Deheru ukoll id-difensuri tas-suspettati li infurmaw il-Magistrat Inkwerenti li kien gie intavolat rikors Kostituzzjonali dwar il-fatti in kwestjoni. Konsegwentement il-Magistrat Inkwerenti ssospenda b'mod indefinit it-tehid tal-kampjuni u dan sakhemm ikun hemm l-ezitu tal-imsemmija proceduri kostituzzjonali u cioe' tal-presenti proceduri.
Jigi rilevat li gew esibiti biss il-verbali tal-imsemmija tlett (3) seduti li nzammu mill-Magistrat Inkwerenti u dan kif hemm indikat fl-istess nota tal-intimat Avukat Generali li biha gew esibiti dawn il-verbali. Dawn id-dokumenti jikkonsistu f'kopja "tal-verbali, ordnijiet, u digrieti kollha li jirrigwardaw ir-rikorrenti." Dawn id-dokumenti gew prodotti mill-imsemmi intimat u dan peress li r-rikorrenti, skond il-ligi, m'ghandhomx access ghall-atti tal-inkjesta.

Din is-sitwazzjoni hi pjuttost wahda anomala jekk mhux paradossali peress li r-rikorrenti li qed jilmentaw li gew vjolati d-drittijiet fondamentali taghom, fost affarijiet ohra, bl-ordnijiet u bid-digrieti li nghataw fl-inkjesta, mhux f'posizzjoni li jesibixxu kopji tal-istess ordnijiet u dikrieti, li jistghu jigu esibiti biss, u jekk irid hu, mill-intimat Avukat Generali. Barra minn hekk ma gietx prodotta kopja tar-rapport li sar lill-Magistrat u li effettivament tat bidu lill-inkjesta. Tali rapport mhux suppost li jkun jinkludi taghrif li jista jkun ta pregudizzju jew ghall-inkjesta jew ghall-terzi. Minhabba f'hekk u in vista li ma giex prodott l-inkartament kollu tal-inkjesta ma jistax jigi eskluz li din l-inkjesta saret limitatament sabiex jittiehdu l-kampjuni in kwestjoni u konsegwentement esklusivament biex jittiehed id-DNA tar-rikorrenti. Hu necessarju li din is-sitwazzjoni tigi regolata sabiex jigu tutelati d-drittijiet ta' dawk kollha li jistghu jintlaqqtu mill-konkluzjonijiet tal-inkjestta b'mod partikolari l-vittima jew il-familjari u l-eredi tieghu kif ukoll is-suspettati tar-reat partikolari in kwestjoni.

Minn dawn il-verbali ta' tlett (3) seduti mizmuma mill-Magistrat Inkwerenti jirrizulta zgur lil-istess seduti nzammu

appositament biex jittiehdu l-kampjuni in kwestjoni minn fuq il-persuna tar-rikorrenti u li r-rikorrenti kienu qed jigu suspettati li setghu ppartecipaw fir-reat li kien qed jigi investigat. Jirrizulta ukoll li r-rikorrenti kienu qed jirrifjutaw li jittiehdilhom il-kampjun in kwestjoni u li kien il-Magistrat Inkwerenti li ordna li jittiehdu l-kampjuni u li f’dan it-tehid l-ufficjali tal-Pulizija gew ukoll awtorizzati mill-istess Magistrat li juzaw il-forza necessarja appuntu sabiex l-istess kampjuni jkunu jistgu jittiehdu. Jirrizulta ukoll li kien ukoll il-Magistrat Inkwerenti li ordna l-arrest immedjat tar-rikorrenti.
F’dan ir-rigward pero’ jirrizulta li ghal diversi drabi r-rikorrenti gew rilaxxjati pero’ gew sussegwentenment arrestati mil-gdid dejjem fuq ordni tal-Magistrat Inkweretnti. It-tehid tal-kampjuni gie sospiz mill-Magistrat Inkwerenti in vista tal-presentata tal-presenti proceduri minn naha tar-rikorrenti.
Fatti ohra li jistghu jkunu rilevanti ghal finijiet tal-presenti sentenza u li jirrizultaw huma s-segwenti:- (1) l-inkjesta in kwestjoni ghada pendenti. (2) Ir-rikorrenti gew imsejjha biex jidhru fl-inkjesta in kwestjoni circa erba snin wara li sehhet il-“hold-up.” (3) Qabel ma ssejjhu fl-inkjesta, r-rikorrenti qatt ma gew arrestati jew interrogati mill-pulizija dwar ir-reat investigat. (4) Fil-konfront tar-rikorrenti qatt ma harget akkuza dwar ir-reat in kwestjoni. (5) Ir-rikorrenti ma gewx informati ghaliex u fuq liema bazi huma kienu qed jigu suspettati li kkomettew ir-reat mertu tal-inkjesta (6) Ir-rikorrenti gew biss informati li kienet instabet xi haga li maghha trid jittqabbel id-DNA taghhom. (6) Flimkien mal-erba rikorrenti gew imsejjha ukoll fl-istess inkjesta persuni ohra appuntu ukoll biex jittiehdilhom id-DNA.

Fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom ir-rikorrenti jirribadixxu li huma jippretendu li gew lezi d-drittijiet fondamentali taghhom stante li gew trattati b’mod inuman u degredanti, li gie lez fil-konfront taghhom id-dritt ghall-liberta’, gie lez id-dritt taghhom ta’ smigh xieraq u d-dritt ghal privatezza u dan b’mod partikolari meta gie ordnat li jittiehed “saliva swab” minn fuq il-persuna taghhom.

Ir-rikorrenti jsostnu ukoll li l-mod kif gie ordnat li jittiehdu l-kampjuni u l-ghan li ghalih ser jittiehdu u jgu uzati l-kampjuni hu lesiv tad-drittijiet fondamemtali taghhom. F’dan ir-rigward ir-rikorrenti jispecifikaw li l-kampjuni jistghu ukoll jittiehdu bl-uzu tal-forza u inoltre jallegaw li l-kampjuni ser jittiehdu biex jintuzaw mill-Pulizija ghall-investigazzjonijiet taghhom. Skond ir-rikorrenti dan kollu hu lesiv tad-drittijiet taghhom kif protetti bl-artikoli 36, 34 u 39 tal-Kostituzzjoni u bl-artikoli 3, 5, 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kwindi fil-presenti sentenza ser jigu approfonditi l-imsemmija allegazzjonijiet tar-rikorrenti li gew lezi d-drittijiet fondamentali fil-konfront taghhom meta gie ordnat li jittiehed is-“saliva swab” anke bl-uzu tal-forza u l-iskop li ghalih ser jittiehed dan il-kampjun peress li ser jintuza fl-investigazzjonijiet tal-Pulizija. Skond ir-rikorrenti dan jammonta ghal trattament inuman u degredanti, ghall-lezjoni tad-dritt ghall-liberta’, tad-drtt ghal smiegh xieraq u ghad-dritt ghal privatezza.

Dawn il-proceduri essenzjalment jirrigwardaw atti li saru fl-Inkjesta Magisterjali dwar “hold-up” fuq van tac-“City Security,” li sehhet fi Triq il-Mithna, Qormi. F’din l-inkjesta r-rikorrenti gew specifikament imharrka biex jidhru biex jittiehdilhom “saliva swab” bil-fini li jigi stabbilit id-DNA ta’ kull wiehed mir-rikorrenti. Kif gia rilevat ir-rikorrenti rrifjutaw li jittiehdilhom dan il-kampjun u kwindi l-Magistrat Inkwerenti ordna l-arrest taghhom. Fl-ewwel lok ghandu jinghad li l-ordnijiet ghall-arrest tar-rikorrenti u ghat-tehid tal-kampjuni in kwestjoni u ghat-tehid tal-istess kampjuni anke bl-uzu tal-forza jidhru li huma ordnijiet legittimi skond il-ligi.

Ghandhu jigi puntwalizzat pero’ li fil-ligi taghna dwar l-inkjesti u l-mod kif effettivament evolvew dawn l-stess holqu ftit ta konfuzjoni b’mod partikolasri rigwardanti l-mod kif jigu kondotti l-istess inkjesti bil-Magistrat. L-inkjesta Magisterjali essezjalment issir biex jigu preservati l-provi u jekk mill-provi, hekk preservati, jirrizulta li sehh reat u li jista jkun hemm min hu indizjat li seta kkommetta r-reat in

kwestjoni kwindi l-Magistrat Inkwerenri ghandu jindika li r-reat in kwestjoni u ghandu jornda li jinbdew proceduri penali kontra l-indizjat. In effett il-Magistrat Inkwerenti jista ukoll jordna li m'ghandhomx jittiehdu tali proceduri presumibilment in vista ta' certi cirkostanzi u sitwazzjonijiet li jistghu jkunu attenwanti. Dan kollu, pero', m'ghandu l-ebda forza legali peress li la l-Pulizija u wisq inqas l-Avukat Generali ma huma obbligati li jsegwu l-ordni jew ahjar ir-rakkomandazzjonijiet tal-Magistrat Inkwerenti. Hemm kazijiet ben noti fejn il-Magistrat Inkwerenti ordna li ma kellhomx jittiehdu proceduri kontra xi persuna u fil-fatt tali proceduri inbdew xorta wahda mill-Pulizija. Hemm kazijiet fejn il-Magistrat Inkwerenti ordna li kellhom jigu inizjati proceduri penali kontra xi hadd meta effettivament tali proceduri ma ttehdux. Fl-opinjoni tal-Qorti din hi sitwazzjoni ohra bizzarra u trid tigi indirizzata u regolata.

Minhabba dawn l-inkongruwenzi u minhabba ohrajn ir-rwol tal-Magistrat Inkwerenti mhux car u mhux definit u xi drabi jigi konfuz mar-rwol tal-Pulizija li huma essenzjalment fdati, skond il-ligi, bl-investigazzjoni ta' reati. Ir-rwol tal-Magistrat Inkwerenti hu konfuz mar-rwol tal-Pulizija indaganti. Ghalhekk hemm il-periklu reali ikrah li l-Pulizija jistghu jigu tentati li juzaw il-funzjonijiet tal-Magistrat Inkwerenti sabiex jaghtu sembjanza ta' "legalita'" u "legittimita'" lil xi prova li jkunu gabru huma u li jista jkun li jkun hemm xi dubju dwarha. Il-fatt li fl-inkjesta in kwestjoni il-Pulizija talbu li l-kampjuni jingabbru u jittiehdu anke bl-uzu tal-forza tista tkun wahda minn dawn il-provi li permezz tal-intervent tal-Magistrat Inkwerenti tinghata xi tip ta' kopertura ta' legalita'. Wiehed jistaqsi ghaliex il-Pulizija investigattiva kellha titlob li hi tinghata d-dritt tal-uzu tal-forza mininima u necessarja fit-tehid tal-kampjuni meta jindher li l-ligi gia tghati tali dritt lill-istess Pulizija. In effett ma kienx hemm ghalfejn li l-Magistrat Inkwerenti jintalab li l-Pulizija tinghata d-dritt li tista tuza l-forza minima u necessarja sabiex jigi assigurat li tittwettaq

l-ordni tal-Magistrat dwar it-tehid tal kampjuni. Dan hu ezempju iehor fejn qed tinholoq konfuzjoni bejn ir-rwol tal-Magistrat Inkwerenti u r-rwol tal-Pulizija investigattiva. F’dan il-kaz biex ma jkunx hemm tali konfuzjoni u sabiex jigi assigurat li jitwettqu l-garanziji kollha versu r-rikorrenti, l-Magistrat Inkwerenti ghandu jinnomina persuna, li jista jkun avukat ta fiducja tieghu sabiex dan l-avukat nominat ikun presenti waqt li jkunu qed jittiehdu l-kampjuni in kwestjoni sabiex jassigura li jekk tintuza xi forza fil-konfront tar-rikorrenti tali forza ghandha tkun il-minimu necessarju sabiex jittiehdu l-kampjuni. Inoltre l-persuna nominata li trid tkun presenti waqt li jkunu qed jittiehdu l-kampjuni in kwestjoni, ghandha jkolla s-setgha li tista tissospendi  it-tehid tal-kampjuni u sussegwentement tirrapporta lura lill-Magistrat Inkwerenti, li eventwalment ghandu jiehu kull decizjoni opportuna.

F’dan ir-rigward wasal ukoll iz-zmien li dawn is-stwazzjonijiet rigwardanti l-Magistrat Inkwerenti u r-rwol tieghu kif oppost ghar-rwol tal-Pulizija Investigattiva jigu indirizzati u regolati b’mod ekwilibrat sabiex jigu tutelati u salvagwardati id-drittijiet tal-vittimi tar-reat kif ukoll tal-indizjati. In effett jista jinghad li s-sitwazzjoni presenti zviluppat fuq medda ta’ hafna snin u l-ligi dejjem thalliet kif kienet u ma sar xejn biex l-affarijiet jigu kjarifikati u jigu definiti ahjar il-varji rwoli ta dawk li huma l-atturi principali fl-Inkjesta Magisterjali.

Inoltre din il-Qorti thoss li l-argumenti tar-rikorrenti dwar l-arrest taghhom ma jreggux stante li jidher li, fi kwalunkwe kaz, qabel ma gie ordnat li jittiehdu l-kampjuni r-rikorrenti gew arrestati fuq ordni tal-Magistrat Inkwerenti. Ma hemmx dubju li f’dak l-istadju, cioe’ meta nghatat l-ordni li kellhom jittiehdu l-kampjuni, ir-rikorrenti zgur li ma jistghux jigu konsidrati li kienu “imputati” pero’ huma ghandhom jigu konsidrati li kienu “indizjati.” Ma hemm ebda procedura stabbilita kif wiehed isir jaf li hu indizjat. Ma hemm ebda obbligu fuq il-Pulizija li jinformaw b’mod formali li xi hadd hu indizjat li kkommetta xi reat. Ma hemm xejn irregolari jew straordinarju li r-rikorrenti setghu biss jiddeducu li huma kienu qed jitqiesu bhala indizzjati li kkommettew ir-reat li kien is-suggett tal-inkjesta in

kwestjoni. Kif kienu qed jisvolgu l-fatti konnessi mal-inkjesta in kwestjoni r-rikorrenti setghu facilmemt jifhmu li huma kienu hux biss suspettati li kienu b'xi mod involuti fir-reat in kwestjoni izda inoltre li huma kienu indizzjati li setghu kkommettew l-istess reat. Inoltre fl-opinjoni tal-Qorti, l-Magistrat Inkwerenti kellu kull dritt u l-poter li jordna li jittiehdu l-kampjuni in kwestjoni.

**Trattament inuman u degradanti**

Ir-rikorrenti jissottomettu li l-fatti mertu tal-presenti proceduri jikkostitwixxu trattament inuman u degradanti fil-konfront taghhom. Kif gia gie rilevat ir-rikorrenti skorrettement jsostnu li gew assoggettati ghal trattament inuman kif ukoll kienu ser jigu assoggettati ghal tali trattament. L-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti." M'hemm xejn li jista jindika li tali lezjoni sehhet meta gie ordnat li l-kampjuni tas-saliva taghhom jistghu ukoll jittiehdu bil-forza purche' tittiehed kull prekawzjoni sabiex jigu assigurat li l-grad tal-forza li ser tintuza u li trid il-ligi ma tigix oltrepassata u kwindi ghandhom jittiehdu dawk il-prekawzjonijiet li gia ssemmew iktar il-fuq.

Ir-rikorrenti jsostnu ukoll li huma kellhom jigu informati b'certi cirkostanzi, li frankament il-Pulizija li qed jinvestigaw mhux obbligati u m'ghndhomx ghalfejn jarfu lir-rikorrenti bihom. Ir-rikorrenti m'ghandhomx ghalfejnn jigu mgharrfa li huma kienu, in efett, suspettati li kkommettew ir-reat li kien il-mertu tal-inkjesta. Jista jkun li r-rikorrenti qabel ma ssejjhu biex jidhru f'din l-inkjesta qatt ma kienu gew avvicinati mill-Pulizija dwar ir-reat in kwestjoni. Dan il-fatt pero' ma ghandu ebda effett ghar-rigward tad-dritt fundamentali in kwestjoni. Ma jesisti ebda obbligu li jinkombi fuq il-Pulizija li tinforma lil min hu indizzjat x'inhuma effettivamemt l-indizji li hemm kontra tieghu. L-uniku dritt li ghandhom ir-rikorrenti f'dan ir-rigward hu li jigu informati bir-reat li huma kienu qed jigu suispettati li kkommettew. In effett ma jidhirx li huma nghataw tali informazzjoni b'mod dirett, pero' l-istess rikorrenti setghu facilment jindunaw mic-cirkostanzi li

kienu jinsabu fihom u kif kienu qed jizvolgu l-istess cirkostanzi li huma kienu qed jigu suspettati li kkomettew ir-reat li kien il-meritu tal-inkjesta. Certa informazzjoni tista tkun sensittiva u hu normali li m'ghandhiex tinghata lil min hu suspettat bir-reat.

Inoltre ghandu jigi konsidrat, f'dan l-istadju, li potenzjalment il-kampjuni in kwestjoni jistghu jservu sabiex r-rikorrenti jew almenu xi uhud minnhom jigu effettivament eskluzi li setghu kommettew ir-reat in kwestjoni. Jigi ribadit li l-Qorti ma tikkondividix l-awtorizzazzjoni tal-Magistrat Inkwerenti li setghet tintuza f'dan il-kaz il-forza necessarja sabiex jitiehdu l-kampjuni in kwestjoni. Il-forza m'ghandha tintuza qatt b'mod partikolari fl-investigazzjonijiet tal-Pulizija. Jidher peo' li l-ligi f'certi cirkostani tippermetti l-uzu tal-forza necessarji sabiex jigi assigurat it-twettiq tal-ordnijiet tal-Qorti. Inoltre peress li jirrizulta b'mod nett li r-rikorrenti qed jirrifjutaw li jittiehdu l-kampjuni huwa zgur li ser tintuza l-forza sabiex titwettaq l-ordni tal-Magistrat. Fi kwalunkwe kaz il-Qorti thoss li ghandhom jittiehdu l-prekawzjonijiet imsemmija sabiex jigu assigurati d-drittijiet tar-rikorrenti f'dan ir-rigward. Strettament ma jistax jinghad li f'dawn ic-cirkoastanzi hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, pero' l-Magistrat Inkwerenti ghandu, biex jassikura li d-drittijiet kollha tar-rikorrenti qed jigu salvagwardati, jghati dawk l-ordnijiet necessarji biex jigi assikurat li l-forza li ser tintuza ma toltrepassax dik il-forza li hi necessarja sabiex tigi mwettqa l-ordni tal-Magistrat Inkwerenti.

Tali ordnijiet huma kif gia ntqal li jigi nominat persuna ta' fiducja tal-Magistrat Inkwerenti, li jista jkun avukat biex ikun presenti waqt it-tehid tal-kampjuni u jassikura li l-forza li ser tintuza ma tmurx oltre dak li hu strettamemnt necessarju u l-persuna hekk nominata ghandha jkollha l-jedd li tissospendi t-tehid tal-kampjuni u tirrapporta lura lill-Magistrat Inkwerenti.

**Helsien mill-Arrest**

Ir-rikorrenti qedghin ukoll jilmentaw minn vjolazzjoni ta’ l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u ta’ l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni. L-imsemmi artikolu 34 jipprovdi li hadd m’għandu jiġi pprivat mill-libertà personali tiegħu b’dan pero’ li hem certu eccezzjonijiet u cioe’ persuna jista jigu privat mill-liberta’ tieghu fl-esekuzzjoni ta’ ordni ta’ qorti, sabiex tinġieb quddiem qorti fl-esekuzzjoni tal-ordni ta’ qorti, fuq suspett raġonevoli li l-persuna tkun ikkommettiet jew ser tikkommetti reat kriminali. Hemm ukoll provdut li min jigi arrestat ghandu jiġi nformat, bir-raġunijiet tal-arrest tiegħu. L-artikolu 5 tal-Konvenzjoni jistipula li kulhadd ghandu d-dritt ghal-libertà u ghas-sigurtà tal-persuna tieghu u li hadd ma ghandu jigi ipprivat mil-libertà tieghu. L-istess artikolu jaghmel eccezzjonijiet ghal din ir-regola u cioe’ fil-kazijiet ta’ arrest ghal nuqqas ta’ tharis ta’ ordni skond il-ligi ta’ qorti sabiex jigi zgurat it-twettiq ta’ xi obbligu preskritt milli ligi, l-arrest ta’ persuna effettwat sabiex dik l-istess persuna tingieb quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett ragonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus ragonevolment mehtieg biex jigi evitat li tikkommetti reat jew li tahrab wara li tkun ghamlet reat. Hemm ukoll provdut li kull min ikun arrestat ghandu jigi nfurmat minnufih bir-ragunijiet tal-arrest tieghu.

Ir-rikorrenti jissottomettu lil-arrest taghom jammonta ghal vjolazzjoni tad-dritt ghal helsien mill-arrest billi l-arrest taghhom ma kienx ibbazat fuq suspett ragonevoli u billi ma gietx segwieta l-procedura preskritta mill-ligi. In effett pero’ jirrizulta kjarament li l-arrest tar-rikorrenti jinkwadra ruhu fl-imsemmija eccezzjonijiet ghad-dritt fundamentali in kwestjoni. Hu ovvju li l-Magistrat Inkwerenti deherlu li kien hemm ragunijiet bizzejjed u suspett ragjonevoli li kien jiggustifika l-arrest. Hu ovvju li fl-istadju tal-Iinkjesta magisterjali ma hemmx ebda obligu naxxenti mill-ligi li jinkombi fuq il-Pulizija jew fuq l-intimati li jindikaw fuq xhiex kien ibbazat is-suspett ragonevoli li kien jiggustifika l-arrest tar-rikorrenti. Hu ghal kllox probabbli li l-Magistrat Inkwerenti gie infurmat bis-suspetti ragjonevili u konsegwntement jidher li l-istess Magistrat irrtjena li tali suspetti kienu fondati tant li ordna kemm l-arrest tar-rikorrenti kif ukoll li jittiehdu l-kampjuni in kwestjoni.

**Dritt ghal Smigh Xieraq**

Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll minn vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq kif protett fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Skond ir-rikorrenti l-artikoli in kwestjoni huma applikabbli stante li hemm indikazzjonijiet li l-ufficjal investigatur ghandu suspetti ragjonevli li r-rikorrenti kienu involuti fir-reat investigat u ghal hekk qieghed jippretendi li huma jaghtu kampjun tad-DNA. Ir-rikorrenti jissottomettu li dak kollu li sehh wara li saret l-ewwel seduta tal-inkjesta u cioe' dak li sehh fil-konfront tar-rikorrenti, hu indikattiv li skond il-Pulizija investigattiva r-rikorrenti huma hatja tar-reat li qed jigi investigat.

Fil-fehma ta din il-Qorti m'hemmmx kwesstjoni hawnhekk ta' applikabilita tad-dritt tas-smigh xieraq fil-konfront tar-rikorrenti b'mod retrospettiv u dan ghal vjolazzjoni li tkun diga sehhet. Il-Qorti ma tarax li hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq. L-uzu tal-prova in kwestjoni hi permissibli u hi legalment producibbli purche' l-istess prova tkun jittiehdet b'dawk il-prekawzjonijiet kollha li ukoll trid il-ligi. Ma hemm xejn zbaljat li ssir prova tad-DNA kontra r-rikorrenti una volta li din il-prova ser tittithed bl-ordni tal-Magistrat Inkwerenti fuq talba tal-pulizija indaganti tali prova tittiehed bil-prekawzjonijiet kollha rikjesti sabiex jigu salvagwardati il-jeddijiet tar-rikorrenti anche in vista tal-fatt li l-ordni relattiva tal-Magistrat Inkwerenti tinkludi ukoll l-awtorizzazzjoni ta' uzu tal-forza necessarja sabiex titwettaq l-istess ordni moghtija mill-Magistrat Inkwerenti. Hawnhekk.m'hemmx kwestjoni li r-

rikorrenti ser jghatu prova mill-persuna taghhom li ser tintuza kontra tasghhom stess. Il-prova in kwestjoni hi prova ammissibli fil-kamp kriminali basta din tkun ittiehdet skond il-ligi.

M'hemmx dubju li r-rikorrenti qed jigu trattati ta indizzjati u l-presunzjoni tal-innocenza taghhom skond il-ligi qed tigi salvagwardata anke jekk it-tehid tal-kampjuni ssir kif intqal iktar il-fuq u cioe' l-kampjuni jittiehdu ukoll fil-presenza ta' avukat appositamenmt nominat biex jigi assigurat lil-forza li ser tintuza ma tmurx oltre dak li hu lecitu fic-cirkorstanzi partikolari. Inoltre l-Avukat nominat ghandu jkollu l-fakolta li jwaqqaf it-tehid tal-kampjuni u jirreferei lura lill-Magistrat li kwindi jkun jista jiehu kull decizjoni li tkun legittima u li tkun tissalvagwardja l-interessi ta' kullhadd b'mod specjali dawk tar-rikorrenti.

**Dritt ghal Privatezza**

Ilment iehor tar-rikorrenti huwa li t-tehid tal-kampjun tas-saliva qieghed isir sabiex jigi estratt minnu informazzjoni personali u privata u dan minghajr gusitifkazzjoni, minghajr in-necessita mehtiega f'socjeta demokratika u b'mod sproporzjonat. Dawn l-ilmenti gew debitament mhehuda in konsiderazzjoni meta gew ittrattati ilmenti ohra tar-rikorrenti u kwindi ma hemmx ghalfejn li jigu ripetuti l-argumenti kollha li jichdu dawn l-ilmenti.

**Sottomissjonijiet tal-intimati**

Jista ukoll jigi rilevat li l-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jissottomettu li nonostante li hemm erba (4) rikorrenti, kienu biss tnejn minnhom, cioe' Alfred Degiorgio u Jason Calleja, li jista jinghad li kienu attivi f'dawn il-proceduri, mentri t-tnejn l-ohra kienu kompletament poassivi. Hi l-fehma ta' din il-Qorti li l-attivita' o meno fil-proceduri hi kwestjoni relattiva u kwindi

ma hemm ebda relazzjoni bejn id-drittijiet tar-rikorrenti u l-attivita tieghu fil-proceduri relattivi. Rikorrenti jista jghazel li ma jixhidx fil-proceduri tieghu stess u minnfolk jista jghazel li joqod fuq dak li jghidu rikorrenti ohra u fuq provi ohra prodotti mill-istess rikorrenti. Kwindi ma hemm ebda provedimewnt li ghandu jinghata f'dan ir-rigward.

**Rimedju**

F'dan il-kaz ma jirrizultawx lezjonijiet tad-drittijiet fuindamentali, izda ghandhom jittiehdu certu provedimenti mill-Magistrat Inkwerenti sabiex il-forza li ser tintuza fil-konfront tar-rikorrentui ma tkunx oltre dak li hu permissibli u oltre dak li hu lecitu. Dawn il-provedimenti gew ben delineati fil-presenti sentenza.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi tidikjara li ma jirrizultax li sehhet jew ser issehh xi lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti pero' ghar-rigward tal-awtorizazzjoni moghtija mill-Magistrat Inkwirenti li fit-tehid tal-kampjuni ghall-finijiet tad-DNA tar-rikorrenti tista tintuza mill-Pulizija forza moderata din il-Qorti tordna li l-Magistrat Inkwerenti ghandu jinnomina persuna ta fiducja tieghu li ghandha tkun presenti kull meta jkunu ser jittiehdu dawn il-kampjuni u ghandha tassigura li l-forza li tintuza mill-Pulizija ma tmurx oltre l-limiti li trid il-ligi u oltre dak li hu strettament u ragjonevolment necessarju. Tali persuna nominata ghandha jkollha l-fakulta' li twaqqaf it-tehid tal-kampjuni u f'tali kaz tirrapporta lura lill-Magistrat Inkwerenti li sussegwentement jista jaghti kull ordni neccessarja.

Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------